Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 14**

**Data:** It-Tlieta, 21 ta' Frar 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Attendew Online**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**14.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 13**

14.1.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

14.1.2 Fuq proposta ta-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**14.2 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 14**

14.2.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u s-Sur Clifford Galea, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Jannar 2023 u l-21 ta' Frar 2023 li kienet tammonta għall-€317,410.10.

**14.3 Punti li joħorġu mill-minuti**

| | |
|---|---|
| **14.3.1 Social Impact Assessment** | Il-President semma li l-AKL kienet bagħtet kopja ta' dokument tas-sejħa lil dawk il-Kunsilli Reġjonali li kienu interessati. Għaldaqstant, issa deċiżjoni tar-Reġjuni li jmexxu bis-sejħa u jibdew il-proġett. |
| **14.3.2 Railings tal-gallariji** | Il-President semma li l-ħġieġ kien ġej l-Erbgħa ta' dik il-ġimgħa u kien lest li jagħti skont peress li ma ġiex iwaħħlu fil-ħin. Il-President semma li jekk mhux ser jiġi jkompli ser ikun qed jitolbu li jneħħi dak li beda u jqabbad kuntrattur ieħor. |
| **14.3.3 Roof Garden** | Il-President semma li kienet intbgħatet ittra legali lill-kuntrattur minħabba li kien qed jidħol ħafna ilma minn fuq il-bejt għal ġewwa s-sala. Il-President semma li jekk ma jkunx hemm tkomplija għar-rimedju b' mod immedjat min-naħa tal-kuntrattur, l-AKL ser tkun qed tkompli bil-proċess legali. |
| **14.3.4 ECAD** | Il-President semma li l-konferenza ser tinżamm nhar il-Ħamis, 11 ta' Mejju filwaqt li ssegwi b' ikla ġewwa lukanda differenti minn dik li ser tinżamm fiha l-konferenza. Semma li nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju d-Delegazzjoni ser jagħmlu site visits ġewwa wieħed mil-hubs tal-Caritas.<br>L-AKL ser tkun qed tagħmel reġistrazzjoni bi ħlas għal dawk il-Kunsilli Reġjonali/ Lokali li mhumiex membri fl-ECAD. |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **14.3.5 ELDW** | Il-President semma li l-AKL kienet ipparteċipat fil-European Local Democracy Week u l-Kungress Ewropew agħżel lill-Assoċjazzjoni bħala Partner. Il-President semma li huwa u s-Segretarju Eżekutiv kienu ser jattendu għaċ-ċerimonja ta' din l-għotja kif ukoll għal-laqgħa anwali ta' ELDW ġewwa Strasburgu. |
| **14.3.6 Tribunal Industrijali ex-SE AKL** | Il-President semma li ser ikun hemm seduta li fiha ser jinstema l-kontro-eżami nhar 23 ta' Marzu 2023. Semma li din hija l-aħħar seduta u wara jiġi konkluż il-każ. |
| **14.3.7 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika mal-UĦM u mal-partijiet ikkonċernati biex possibbilment jitkomplew id-diskussjonijiet. |
| **14.3.8 Special Leave - Fostering** | Il-President semma li fuq talba li saret minn wieħed mill-impjegati għall-Fostering Paternal Leave, il-President semma li l-Assoċjazzjoni ikkomunikat kemm ma' DIER kif ukoll mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u sfortunatament kien hemm direzzjoni li dan il-leave ma japplikax għall-fostering imma għall-addozzjoni. |

**14.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **14.4.1 Projects Green** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qed taħdem b' mod spedit mal-periti sabiex tilħaq iddaħħal applikazzjoni fil-ħin sabiex possibbilment tkun tista' tibbenifika mill-fondi u tkun tista' timplimenta l-proġett tal-car park. |
| **14.4.2 Bus Shelters** | Il-President semma li ser ikun hemm laqgħa bejn TM u l-Kuntrattur sabiex possibbilment ikun hemm triq 'il quddiem fuq dan is-suġġett li ijlu għaddej ftit ta' snin sew issa. |
| **14.4.3 CEMR** | Il-President semma li wara li hu u s-Segretaju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa ma' CEMR. Semmew li rappreżentant ta' CEMR ser ikun qed jattendi Malta nhar 21 t'April 2023 sabiex jiltaqa' ma' Dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati jkompli l-proċess ta' Covenant of Mayors.<br>Il-President semma wkoll li intalbu jaħtru tliet Membri u tliet sostituti fuq il-Policy Committee, semma li idealment dawn ma |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jkunux membri tal-Kumitat tar-Reġjuni peress li dawn jiddiskutu l-istess temi li jkunu qed jiġu diskussi fuq livell tal-Kumitat tar-Reġjuni.
Il-President propona li l-Kunsilliera Steve zammit Lupi jkun nominat Membru. Din il-proposta ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi. Chev Paul Farrugia semma li huwa xtaq jinnomina lis-Sur Clifford Galea Vella. Filwaqt lis-Sur Charles Bonello talab żmien tliet ijiem sabiex ikun jista' jinnomina Membru u sostitut. Filwaqt li s-Sur Fava talab lil dawk interessati li sa l-aħħar tal-ġimgħa jdaħħlu n-nominazzjonijiet tagħhom.

**14.4.4 Proġett LIFE**

Il-President semma li l-Ministeru tal-Ambjent għamel laqgħa ma' xi Kunsilli Lokali fosthom Lija, Balzan, Attard, Gżira, Msida u Ta' Xbiex sabiex potenzjalment jibbenifikaw minn fondi biex ikunu jistgħu jimplimentaw il-proġett Slow Streets.

**14.4.5 Rotta tal-Feniċi**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ġiet avviċinata mill-organizzaturi tar-Rotta tal-Feniċi sabiex fl-anniversarju mit-twaqqif ta' din ir-Rotta, Malta tagħmel ukoll il-proġett tagħha. Il-President semma li r-Reġjun Punent mill-ewwel kien wera interess u saħansitra bagħat lill-Uffiċjal tal-Kultura għall-konferenza fuq is-suġġett ġewwa l-Kroazja. Il-Pesident semma li l-proġett ser ikun komunikat mal-kumplament tar-Reġjuni biex min hu interessat juri l-ħsieb li jipparteċipa.

**14.4.6 Delegazzjoni Nepal**

Il-President semma li kellhom xi problemi sabiex jiksbu l-VISA fil-ħin u ser ikunu qed ibiddlu d-dati li fihom ġejjin Malta.

**14.4.7 MoU Kunsill Reġjonali ta' Tfal**

Il-President semma li l-AKL minkejja li flimkien mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienet ħarġet is-somma ta' €10,000, kienu baqgħu ma' semgħu xejn fuq il-proġett propost f' dan il-ftehim li sar bejn l-AKL, id-Diviżjoni kif ukoll il- The Malta Foundation for the Wellbeing of Society. Għaldaqstant kien qed jerġa' jiġi kkomunikat mal-Fundazzjoni biex jaraw triq 'l quddiem f' dan il-proġett.

**14.4.8 URBACT**

Il-President semma li l-AKL kienet qed tattendi laqgħat bil-possibbilita' li tapplika bħala partner fil-proġett fuq diġitalizazzjoni fis-settur pubbliku.

| | |
|---|---|
| **14.4.9 ACR+** | Il-President semma li l-AKL irċeviet sabiex tħallas il-membrship tal-ACR+. Il-President semma li din ser tkun qed tintbgħat lir-Reġjuni sabiex minn ikun interessat ikun jista' jidħol membru u l-ispiża tinqasam fuq l-AKL u r-Reġjuni li jkunu interessati. |
| **14.4.10 Bootcamp – Ħaddiema AKL** | Il-President semma li wara li sar l-psychometric assessment mal-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni, issa fuq dak ir-rapport kien intbgħat bootcamp ta' 10 sessjonijiet taħriġ li ser isiru fi żmien ħames ġimgħat. Dawn is-sessjonijiet ser ikunu qed jindirizzaw l-kompetenzi li ħaddiem fil-qamas tal-amministrazzjoni għandu bżonn biex iwettaq xogħlu aħjar. |
| **14.4.11 Minute Taking** | Il-President semma li ser ikun qed jiġi organizzat taħriġ nhar 9 ta' Marzu lill-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali rigward prattiċi kif wieħed jieħu l-minuti. |
| **14.4.12 Anti-Racisim Strategy** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qiegħda wkoll tattendi laqgħat organizzat mill-Anti Racisim Platform. |
| **14.4.13 SintagraM** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet tat l-aċċess lil dawk ir-Reġjuni li talbu aċċess għall-portal ta' data u informazzjoni fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar. |
| **14.4.14 Place for Play** | Il-President semma li l-AKL kienet qed taħdem ma' VisMedNet (Place for Play) sabiex possibbilment jinkiteb proġett taħt il-fond tal-ERASMUS. |
| **14.4.15 Żjara fi Skola Primarja** | Il-President semma li l-AKL ser tkun qed taħdem sabiex tibni kampanja informattiva fuq l-irwol tal-Gvern Lokali fost it-tfal tal-iskola. Il-President semma li fil-preżenza wkoll tal-President Rejonali Reġjun Punent, l-AKL kienet organizzat żjara fl-iskola ta' St. Agatha ġewwa r-Rabat. |
| **14.4.16 Reġjun Port – LESA cliam** | Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet cliam mingħand ir-Reġjun sabiex jinfurmaw li bħala Reġjun kienu ħalsu lill-kuntrattur li beda jaħdem fuq il-proġett. Semma li l-proġett tal-website għadu mhux finalizzat għaliex fis-sejħa ma kienx hemm mitlub biex jibda jinkiteb il-kontenut ta' din is-sit u anki d-disin. Għaldaqstant, ir-Reġjun ta wkoll kwotazzjonijiet ta' kemm ser jiswa biex il-proġett jitħaddem. Il-President spjega li fondi li ma ntużawx mir-Reġjun ser jagħddu lura għand il-LESA. Fuq proposta tal-Presient, issekondata mis-Sur Clifford Galea |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

Vella, l-Eżekuttiv approva li r-Reġjun jieħu l-ispejjeż li nefaq u li ser jonfoq biex dan il-proġett ikun jista' jitħaddem. Il-President tar-Reġjun Port astjena mid-diskussjoni.

**14.4.17 Proġett Pilot – Underground Skips**

Il-President semma li l-AKL kienet qed taħdem mal-Kunsill Lokali tar-Rabat (Malta) sabiex possibbilment jiġi implimentat l-ewwel proġett ta' underground skips f' żona li ddentifika l-Kunsill Lokali.

**14.4.18 Laqgħa Civil Society Committee**

Il-President semma li l-AKL attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Kumitat tas-Soċjeta' Ċivili fi ħdan l-MCESD. Il-President semma li l-laqgħa kienet ma' Projects Green. Semma li l-iskop tal-laqgħa kien ukoll biex tinħoloq pressjoni sabiex kull proġett ikun sostanzjat anki minn Pjan ta' Manutenzzjoni għal għaxar snin.

**14.4.19 Laqgħa MTIP**

Il-President semma li l-AKL nhar 13 t' April ġiet mistiedna għal-laqgħa mal-MTIP possibbilment rigward l-introduzzjoni tal-Bus Lanes għall-effiċjenza fi transport pubbliku.

**14.4.20 Permessi**

Il-President semma li kien hemm bdil fl-Avviż Legali li jirrigwardja l-permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

**14.4.21 Dokument – Linji Gwida fuq parkeġġi**

Il-President semma li d-dokument li kien iċċirkualat qabel l-aħħar tas-sena, issa kien qed jiġi ppubblikat u ser ikun imnidi lejn Mejju. Semma li qed jipu wkoll konklużi last mile kif ukoll walkability.

14.4.22 Is-Sur Steven Axisa talab li jkun skużat fis-18:23

**14.4.23 Awditjar – Kunsilli Lokali**

Il-President fakkar lir-Reġjun sabiex ifakkru lill-Kunsilli Lokali sabiex jagħlqu r-Rapporti Finanzjarji għas-sena 2022.

14.4.24 Is-Sur Max Zammit daħħal għal-laqgħa 18:29

**14.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport finanzjarju 2022 Awditjat**

14.5.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju għas-sena 2022 awditjat wara li l-AKL irnexxielha tikkonkludi anki l-awditjar għas-sena 2022 fi żmien qasir.

14.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport kif preżentat.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**14.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni Management Letter**

14.6.1 Il-President semma li ftit qabel il-laqgħa l-awdituri kienu bagħtu kopja tal-Management Letter għas-sena 2022. Il-President spjega li b' sodisfazzjoni jara li r-rimarki li kien hemm kienu relatati biss mal-proċedura tal-accounting fejn tidħol IFRS16. Filwaqt li żewġ rimarki l-oħra kienu reltati ma' żbalji umani waqt l-ipproċessar.

14.6.2 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiċċirkula kopja lill-Membri kemm tal-Management Letter kif ukoll tar-risposta mħejjija li din iġi approvata b' korrispondenza sabiex tkun tista' tintbgħat lid-Dipartiment.

**14.7 Komunikazzjoni oħra**

**14.7.1 Immaniġjar tal-iskart fuq bażi Reġjonali**

Il-President semma li d-Diviżjoni ser tkun qed tirganizza xi laqgħat għas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi sabiex jispjega l-proċess ta' kif ser ikun il-ħlas tar-Reġjun relatat ma' skart.
Dr. Azzopardi semma li biex ikun hemm likwidita id-Diviżjoni ser tkun qed tagħddi fondi lir-Reġjuni. Semm ali kif spjegat dawn il-fondi tnaqqsu mill-allokazzjoni dovuta lill-Kunsilli Lokali. Semma wkoll li huwa jemmen li l-Kunsilli huma maturi biżżejjed li jħadmu dan is-servizz b' diliġenza u maturita'.
Is-Sur Jesmond Aquilina wera l-preokkupazzjoni tiegħu li l-Kunsilli jew ser jagħddu bl-eżatt jew mhux ser isservihom l-allokazzjoni.
Is-Sur Chircop semma li ħafna skart kummerċjali qed joħroġ ma' dak li qed jiġbor ir-Reġjun. Semma wkoll il-problema kbira li r-Reġjun Lvant għandu minħabba l-ammont ta' kondominji kbar.

**14.8 Aġġornament**

14.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-seba' u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.15 li nżammet nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**

**President**

**Lianne Cassar**

**Segretarju Eżekuttiv**